VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 65 tal-2014

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni tal-2014 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Il-Prinċipalità ta' Liechtenstein)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2014 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Il-Prinċipalità ta' Liechtenstein).

Arranġamenti jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat:

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-iSkeda li tinsab ma' dan l-Ordni (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") saru mal-Gvern tal-Prinċipalità ta' Liechtenstein sabiex jagħtu ħelsien minn taxxa doppja dwar it-taxxi li ġejjin imposti bil-liġijiet tal-Prinċipalità ta' Liechtenstein:

(i) it-taxxa fuq l-*income* personali (Erwerbssteuer);

(ii) it-taxxa fuq l-*income* korporattiva (Ertragssteuer);

(iii) it-taxxi korporattivi (Gesellschaftssteuern);

(iv) it-taxxa fuq qligħ kapitali minn proprjetà immobbli (Grundstücksgewinnsteuer);

(v) it-taxxa fuq il-ġid (Vermögenssteuer); u

(vi) it-taxxa tal-*coupon* (Couponsteuer);

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett wara li jidħol fis-seħħ il-Ftehim u skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim;

(ċ) illi l-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li tkun mħabbra b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

B 500

SKEDA

Artikolu 2

Ftehim
Bejn
Il-Gvern tar-Repubblika ta’ Malta
u
Il-Gvern tal-Prinċipalità ta’ Liechtenstein
għall-evitar ta’ taxxa doppja u l-prevenzjoni ta’ evażjoni fiskali
dwar taxxi fuq l-*income* u l-kapital

Preambolu

Il-Gvern tar-Repubblika ta’ Malta u l-Gvern tal-Prinċipalità ta’ Liechtenstein, hawn iżjed ’il quddiem msejħa "l-Istati Kontraenti",

BILLI l-Istati Kontraenti jirrikonoxxu li r-rabtiet ekonomiċi żviluppati sew bejn l-Istati kontraenti jitolbu għal aktar kooperazzjoni ekonomika;

BILLI l-Istati Kontraenti jixtiequ jiżviluppaw ir-relazzjoni tagħhom aktar billi jikkoperaw għall-benfiċċju reċiproku fil-qasam tat-tassazzjoni; u

BILLI l-Istati Kontraenti jixtiequ jagħmlu Ftehim għall-evitar ta’ taxxa doppja u l-prevenzjoni tal-evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income* u l-kapital,

ftehmu kif ġej:

Artikolu 1

Persuni koperti

Dan il-Ftehim għandu japplika għal persuni li jkunu residenti fi Stat Kontraenti wieħed jew fit-tnejn li huma.

Artikolu 2

Taxxi koperti

1. Dan il-ftehim għandu japplika għat-taxxi fuq l-*income* u l-kapital imposti f’isem Stat Kontraenti jew is-sottodiviżjonijiet politiċi jew awtoritajiet lokali tiegħu, irrispettivament mill-mod kif dawn jinġabru.

2. Għandhom jitqiesu bħala taxxi fuq l-*income* u l-kapital it-taxxi kollha imposti fuq l-*income* totali, fuq il-kapital totali, jew fuq elementi ta’ *income* jew ta’ kapital, inklużi taxxi fuq qligħ mit-trasferiment ta’ proprjetà mobbli jew immobbli, u taxxi fuq l-ammonti totali ta’ pagi u salarji li jitħallsu minn impriżi, kif ukoll taxxi fuq l-apprezzament ta’ kapital.

3. It-taxxi eżistenti li dwarhom japplika dan il-Ftehim huma partikolarment:

a) fil-Prinċipalità ta' Liechtenstein:

(i) it-taxxa fuq l-*income* personali (Erwerbssteuer);

(ii) it-taxxa fuq l-*income* korporattiv (Ertragssteuer);

(iii) it-taxxi korporattivi (Gesellschaftssteuern);

(iv) it-taxxa fuq il-qligħ kapitali minn proprjetà (Grundstücksgewinnsteuer);

(v) it-taxxa fuq il-ġid (Vermögenssteuer); u

(vi) it-taxxa fuq il-kupun (Couponsteuer);

(hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' Liechtenstein");

b) f'Malta:

it-taxxa fuq l-*income*;

(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' Malta").

4. Il-Ftehim għandu japplika wkoll għal kull taxxa identika jew sostanzjalment simili li tiġi imposta wara d-data meta jiġi ffirmat il-Ftehim b'żjieda ma', jew minflok, it-taxxi eżistenti. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom jgħarrfu lil xulxin b'kull tibdil sostanzjali li jkun sar fil-liġijiet dwar it-taxxi tagħhom.

Artikolu 3

Tifsiriet ġenerali

1. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

a) il-frażi "Liechtenstein" tfisser il-Prinċipalità ta' Liechtenstein, u meta din tiġi użata f'sens ġeografiku, l-area li fiha l-liġijiet tat-taxxa ta' Liechtenstein japplikaw;

b) il-frażi "Malta" tfisser ir-Repubblika ta' Malta u, meta din tiġi użata f'sens ġeografiku, tfisser il-Gżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra tal-arċipelagu Malti inklużi l-ibħra territorjali tagħhom, kif ukoll kull area ta' qiegħ il-baħar, is-sottoswol tiegħu u l-kolonna ta' baħar sovrajaċenti li tinsab adjaċenti għall-ibħra territorjali, fejn Malta għandha drittijiet sovrani, ġurisdizzjoni, jew kontroll kif hemm fid-dritt

internazzjonali u d-dritt nazzjonali tagħha, inkluża l-leġislazzjoni tagħha għar-rigward tal-esplorazzjoni tal-blata kontinentali u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha;

ċ) il-frażijiet "Stat Kontraenti" u "l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru Malta jew il-Prinċipalità ta' Liechtenstein, kif teħtieġ ir-rabta tal-kliem;

d) il-frażi "persuna" tinkludi individwu, kumpannija, fond ta' investiment, fond ta' pensjoni, *trust*, soċjetà, *dormant inheritance* ta' Liechtenstein u kull korp ta' persuni ieħor;

e) il-frażi "kumpannija" tfisser kull korp magħqud jew kull enti li jkun ittrattat bħala korp magħqud għall-iskopijiet ta' taxxa;

f) il-frażi "impriża" tapplika għall-ġestjoni ta' kull negozju;

g) il-frażijiet "impriża ta' Stat Kontraenti" u "impriża tal-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru rispettivament impriża ġestita minn residenti ta' Stat Kontraenti u impriża ġestita minn residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor;

h) il-frażi "traffiku internazzjonali" tfisser kull trasport permezz ta' bastiment jew b'inġenji tal-ajru mħaddma minn impriża ta' Stat Kontraenti, ħlief meta l-bastiment jew l-inġenji tal-ajru jkunu unikament imħaddma bejn postijiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor;

i) il-frażi "negozju" tfisser it-twettiq ta' servizzi professjonali u ta' attivitajiet oħra ta' karattru indipendenti;

j) il-frażi "awtorità kompetenti" tfisser:

(i) f'Liechtenstein, l-Awtorità Fiskali;

(ii) f'Malta: il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

k) il-frażi "ċittadin", fir-rigward ta' Stat Kontraenti, tfisser:

(i) kull individwu li jkollu ċ-ċittadinanza ta' dak l-Istat Kontraenti;

(ii) kull persuna ħlief għal individwu li jiksbu l-istatus tagħhom bħala tali mill-liġijiet li jkunu fis-sehh f'dak l-Istat Kontraenti;

l) il-frażi "fond ta' investiment" tfisser:

(i) f'Liechtenstein, "Organismus für gemeinsame Anlagen in Wertpapieren (OGAW)" skont kif imfissra fil-Liġi dwar *Undertakings for Collective Investment in Transferable Securities* tat-28 ta' Ġunju

2011, LGBl. 2011, No. 295 (UCITSG), "Investmentunternehmen für andere Werte oder Immobilien" skont kif imfissra fil-"Gesetz über Investmentunternehmen für andere Werte oder Immobilien" tad-19 ta' Mejju 2005, LGBl. 2005, No. 156 (IUG);

(ii) f'Malta, skema jew arranġament li jkun liċenzjat jew b'mod ieħor awtorizzat taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta);

(iii) kull fond ta' investiment ieħor, arranġament jew enti ta' Stat Kontraenti li dwarha l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti jaqblu li jqisuha bħala vettura ta' investiment kollettiv għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu;

m) il-frażi "fond jew skema ta' pensjoni" tfisser:

(i) f'Liechtenstein, kull arranġament skont it-tifsira ta' "Gesetz über die betriebliche Pensionsvorsorge" tal-20 ta' Ottubru 1987, LGBl. 1988, No. 12 (BPVG);

(ii) f'Malta, fond ta' irtirar jew skema ta' irtirar liċenzjata, reġistrata jew b'mod ieħor awtorizzata taħt l-Att li Jirregola Fondi Speċjali (Kap. 450 tal-Liġijiet ta' Malta);

(iii) kull fond jew skema ta' pensjoni ta' Stat Kontraenti li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti jaqblu li jqisuh bħala fond jew skema ta' pensjoni għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu.

2. Għar-rigward tal-applikazzjoni tal-Ftehim f'kull żmien minn Stat Kontraenti, kull frażi li ma tkunx imfissra fih għandu jkollha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, it-tifsira mogħtija lilha f'dak il-waqt taħt il-liġi ta' dak l-Istat għall-finijiet tat-taxxi li dwarhom ikun japplika l-Ftehim, hekk li tifsira taħt il-liġijiet tat-taxxa li japplikaw f'dak l-Istat tkun tipprevali fuq xi tifsira mogħtija lil dik il-frażi taħt liġijiet oħra ta' dak l-Istat.

Artikolu 4

Residenti

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "residenti ta' Stat Kontraenti" tfisser kull persuna li, taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat, tkun soġġetta għat-taxxa hemmhekk minħabba fid-domiċilju tagħha, residenza, post tal-maniġġ jew kull kriterju ieħor ta' xorta bħal dawk, u tinkludi wkoll dak l-Istat u kull sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu. Din il-frażi, madankollu, ma tinkludix lil xi persuna li tkun soġġetta għat-taxxa f'dak l-Istat għar-rigward biss ta' *income* minn għejjun f'dak l-Istat jew kapital sitwat hemmhekk.

2. Meta minħabba fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 individwu jkun

residenti taż-żewg Stati Kontraenti, allura l-istatus tiegħu għandu jiġi stabbilit kif ġej:

a) huwa għandu jitqies li jkun residenti biss tal-Istat li fih ikollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu; jekk huwa jkollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu fiż-żewg Stati, huwa għandu jitqies li jkun residenti biss tal-Istat li miegħu r-relazzjonijiet tiegħu personali u ekonomiċi jkunu l-aktar marbuta (ċentru ta' interessi vitali);

b) jekk l-Istat li fih huwa jkollu ċ-ċentru ta' interessi vitali ma jkunx jista' jiġi stabbilit, jew jekk huwa ma jkollux għad-dispożizzjoni tiegħu dar permanenti f'xi Stat minnhom, huwa għandu jitqies li jkun residenti biss tal-Istat li fih ikun soltu jirrisjedi;

ċ) jekk huwa soltu jirrisjedi fiż-żewg Stati jew f'ebda wieħed minnhom, huwa għandu jitqies li jkun residenti tal-Istat biss li jkun ċittadin tiegħu;

d) jekk huwa jkun ċittadin taż-żewg Stati jew ta' ebda wieħed minnhom, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom jiddeċiedu l-każ bi ftehim bejnithom.

3. Meta minħabba fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 persuna li ma tkunx individwu tkun residenti taż-żewg Stati Kontraenti, allura dik il-persuna għandha titqies bħala residenti biss fl-Istat fejn ikun jinsab il-post ta' maniġġ effettiv tagħha.

Artikolu 5

Stabbiliment permanenti

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "stabbiliment permanenti" tfisser post tan-negozju fiss li minnu jitmexxa l-kummerċ ta' impriża għalkollox jew f'parti minnu.

2. Il-frażi "stabbiliment permanenti" b'mod speċjali tinkludi:

a) post ta' maniġġ;

b) fergħa;

ċ) uffiċċju;

d) fabbrika;

e) ħanut tax-xogħol; u

f) minjiera, bir taż-żejt jew tal-gass, barriera jew kull post ieħor ta'

estrazzjoni ta' riżorsi naturali.

3. Art li tkun qegħda tinbena jew proġett ta' kostruzzjoni jew stallazzjoni jikkostitwixxu stabbiliment permanenti biss jekk idumu għaddejin għal perjodu ta' aktar minn tnax il-xahar.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artikolu, il-fraži "stabbiliment permanenti" għandha titqies li ma tinkludix:

a) l-użu ta' faċilitajiet bl-iskop uniku ta' ħżin, wiri jew tqassim ta' oġġetti jew merkanzija li jkunu jappartjenu lill-impriża;

b) iż-żamma ta' ħażna ta' oġġetti jew ta' merkanzija li tkun tappartjeni lill-impriża bl-iskop uniku ta' ħżin, wiri jew tqassim;

ċ) iż-żamma ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun tappartjeni lill-impriża bl-iskop uniku ta' ipproċessar minn impriża oħra;

d) iż-żamma ta' post fiss ta' negozju bl-iskop uniku ta' xiri ta' oġġetti jew ta' merkanzija jew ta' ġbir ta' tagħrif, għall-impriża;

e) iż-żamma ta' post fiss ta' negozju bl-iskop uniku li tiġi ġestita, għall-impriża, kull attività ta' xorta preparatorja jew awżiljarja;

f) iż-żamma ta' post fiss ta' negozju unikament biex tkun tista' ssir xi kombinazzjoni ta' attivitajiet imsemmija fis-subparagrafi a) sa e), sakemm l-attività kollha tal-post tan-negozju fiss li tirriżulta minn din il-kombinazzjoni tkun waħda ta' xorta preparatorja jew awżiljarja.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 meta persuna - minbarra persuna bi status indipendenti li għaliha japplika l-paragrafu 6 - tkun qegħda taġixxi f'isem xi impriża u jkollha, u tkun abitwalment teżerċita, fi Stat Kontraenti awtorità li tagħmel kuntratti f'isem l-impriża, dik l-impriża għandha titqies li jkollha stabbiliment permanenti f'dak l-Istat għar-rigward ta' kull attività li dik il-persuna tagħmel għall-impriża, sakemm l-attivitajiet ta' dik il-persuna ma jkunux limitati għal dawk imsemmija fil-paragrafu 4 illi, jekk dawn jiġu eżerċitati minn ġo post tan-negozju fiss, ma jkunux jirrendu lil dan il-post tan-negozju fiss bħala stabbiliment permanenti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dak il-paragrafu.

6. Impriża m'għandhiex titqies li jkollha stabbiliment permanenti fi Stat Kontraenti biss minħabba li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat permezz ta' sensal, aġent b'kummissjoni ġenerali jew kull aġent ieħor bi status indipendenti, sakemm dawk il-persuni jkunu qegħdin jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom.

7. Il-fatt li kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tkun tikkontrolla jew tkun kontrollata minn kumpannija li tkun residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor, jew li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor (sew

permezz ta' stabbiliment permanenti sew xort'oħra), m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi lil kumpannija waħda jew l-oħra stabbiliment permanenti tal-kumpannija l-oħra.

Artikolu 6

Income minn proprjetà immobbli

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti minn proprjetà immobbli (inkluż *income* mill-agrikoltura jew minn ħidma fil-boskijiet) li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "proprjetà immobbli" għandu jkollha t-tifsira li għandha taħt il-liġi tal-Istat Kontraenti fejn tkun tinsab il-proprjetà involuta. Il-frażi għandha f'kull każ tkun tinkludi proprjetà aċċessorja għal proprjetà immobbli, bhejjem f'razzett u tagħmir li jintuża fl-agrikoltura u fil-ħidma fil-boskijiet, drittijiet li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi ġenerali dwar il-proprjetà tal-art, l-użufrutt tal-proprjetà immobbli u drittijiet dwar ħlasijiet varjabbli jew fissi bħala korrispettiv għal ħidma fi, jew id-dritt li jinħadmu depożiti minerali, għejjun u riżorsi oħra naturali; bastimenti u inġenji tal-ajru m'għandhomx jitqiesu bħala proprjetà immobbli.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom ikunu japplikaw għal *income* li jinkiseb mill-użu dirett, il-kiri, jew l-użu b'kull mod ieħor ta' proprjetà immobbli.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw ukoll għal *income* minn proprjetà immobbli ta' impriża.

Artikolu 7

Profitti minn negozju

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impriża ma tkunx tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk. Jekk l-impriża tkun qegħda tmexxi negozju kif hawn aktar qabel imsemmi, il-profitti tal-impriża jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat l-ieħor iżda biss għal dik il-parti minnhom daqskemm tkun attribwibbli lil dak l-istabbiliment permanenti.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, meta impriża ta' Stat Kontraenti tkun tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk, għandhom f'kull Stat Kontraenti jiġu attribwiti lil dak l-istabbiliment permanenti l-profitti li kien ikun mistenni jagħmel kieku kien impriża distinta u separata li taħdem fl-istess attivitajiet jew oħrajn bħalhom taħt l-istess kundizzjonijiet u li taħdem għalkollox indipendentement mill-impriża li tagħha tkun stabbiliment permanenti.

3. Sabiex jiġu stabbiliti l-profitti ta' stabbiliment permanenti, għandhom ikunu permessi bħala tnaqqis dawk l-ispejjeż li jsiru għall-għanijiet tal-istabbiliment permanenti, inklużi l-ispejjeż eżekuttivi u amministrattivi ġenerali li jkunu saru, sew fl-Istat li fih ikun jinsab l-istabbiliment permanenti sew band'oħra.

4. Sakemm tkun il-konswetudni fi Stat Kontraenti li jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba fi tqassim tal-profitti totali tal-impriża lill-partijiet diversi tagħha, ebda ħaġa fil-paragrafu 2 m'għandha tipprekludi lil dak l-Istat Kontraenti milli jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu intaxxati b'dak it-tqassim f'hekk kif tista' tkun il-konswetudni; il-metodu ta' tqassim li jiġi adottat għandu, madankollu, isir b'tali mod li r-riżultat ikun kif iridu l-prinċipji li jinsabu f'dan l-Artikolu.

5. Ebda profitti m'għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba biss f'li jsir ix-xiri minn dak l-istabbiliment permanenti ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

6. Għall-għanijiet tal-paragrafi ta' qabel, il-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti għandhom jiġu stabbiliti bl-istess metodu sena wara l-oħra kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni tajba u suffiċjenti għaliex dan m'għandux isir.

7. Meta l-profitti jkunu jinkludu oġġetti ta' *income* li jkunu qegħdin jiġu trattati separatament f'Artikoli oħra ta' dan il-Ftehim, għaldaqshekk id-dispożizzjonijiet ta' dawk l-Artikoli m'għandhomx jintlaqtu bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 8

Tbaħħir u trasport bl-ajru

1. Il-profitti li jinkisbu minn impriża ta' Stat Kontraenti mit-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru fi traffiku internazzjonali għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom ukoll japplikaw għal profitti miksubin mill-parteċipazzjoni f'*pool*, negozju bi sħab jew aġenzija b'operat internazzjonali.

Artikolu 9

Impriżi assoċjati

1. Meta

a) impriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża tal-Istat Kontraenti l-ieħor, jew

b) l-istess persuni jipparteċipaw direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti u impriża tal-Istat Kontraenti l-ieħor,

u f'kull każ isiru jew jiġu imposti kondizzjonijiet bejn iż-żewġ impriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji tagħhom li ma jkunux jaqblu ma' dawk li kieku kienu jiġu magħmula bejn impriżi indipendenti, f'dak il-każ il-profitti li kieku kienu jakkumulaw, li ma kienx għal dawk il-kondizzjonijiet, għal xi waħda mill-impriżi, iżda, minħabba f'dawk il-kondizzjonijiet, ma jkunux hekk akkumulaw, jistgħu jiġu inklużi fil-profitti ta' dik l-impriża u intaxxati bħala tali.

2. Meta Stat Kontraenti ikun jinkludi fil-profitti ta' impriża ta' dak l-Istat - u bħala tali jintaxxa - profitti li fuqhom impriża tal-Istat Kontraenti l-ieħor tkun ġiet intaxxata f'dak l-iStat l-ieħor u l-profitti li jiġu hekk inklużi jkunu profitti li kienu jinqalgħu mill-impriża tal-ewwel Stat imsemmi li kieku l-kondizzjonijiet magħmulin bejn iż-żewġ impriżi kienu dawk li kienu kieku jsiru bejn żewġ impriżi indipendenti, għaldaqshekk dak l-Istat l-ieħor għandu jagħmel aġġustament adatt fl-ammont tat-taxxa hemmhekk imposta fuq dawk il-profitti. Meta jkun qiegħed jiġi stabbilit dak l-aġġustament, għandhom jitqiesu kif dovut id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom jekk iqisu li jkun hekk meħtieġ jikkonsultaw lil xulxin.

Artikolu 10

Dividendi

1. Id-dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti lil residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat l-ieħor, kemm il-darba li s-sid benefiċjarju tad-dividendi jkun residenti tal-Istat l-ieħor.

Dan il-paragrafu m'għandux jaffettwa t-tassazzjoni tal-kumpannija fir-rigward tal-profitti li minnhom ġew mħallsa id-dividendi.

2. Il-fraži "dividendi" kif tintuża f'dan l-Artikolu tfisser *income* minn ishma, ishma "*jouissance*" jew drittijiet "*jouissance*", ishma fuq minjieri, ishma ta' fundaturi jew drittijiet oħra, li ma jkunux pretensjonijiet ta' debitu, il-parteċipazzjoni fi profitti, kif ukoll *income* minn drittijiet korporattivi oħra li jingħata l-istess trattament fl-intaxxar bħallikieku kien *income* minn ishma kif hemm fil-liġijiet tal-Istat li tiegħu tkun residenti l-kumpannija li tkun qegħda tagħmel it-tqassim.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li tiegħu tkun residenti l-kumpannija li tħallas id-dividendi permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat hemmhekk u l-*holding* li dwarhom id-dividendi jkunu mħallsa jkollu effettivament x'jaqsam ma'

VERŻJONI ELETTRONIKA

dak l-istabbiliment permanenti. F'dak il-każ għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7.

4. Meta kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikseb profitti jew *income* mill-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-Istat l-ieħor ma jista' jimponi ebda taxxa fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpannija, ħlief sakemm dawk id-dividendi jitħallsu lil residenti ta' dak l-Istat l-ieħor jew sakemm il-*holding* li dwaru jitħallsu d-dividendi jkollu effettivament x'jaqsam ma' stabbiliment permanenti sitwat f'dak Istat l-ieħor, lanqas ma jista' jassoġġetta l-profitti mhux imqassma tal-kumpannija għal taxxa fuq il-profitti mhux imqassma tal-kumpannija, ukoll jekk id-dividendi mħallsa jew il-profitti mhux imqassma jkunu kollha kemm huma jew f'parti minnhom jikkonsistu fi profitti jew *income* li jinqalgħu f'dak l-Istat l-ieħor.

Artikolu 11

Mgħax

1. Mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u jitħallas lil residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi ntaxxat biss f'dak Istat l-ieħor, kemm il-darba li s-sid benefiċjarju tal-imgħax jkun residenti tal-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "mgħax" kif tintuża f'dan l-Artikolu tfisser *income* minn pretensjonijiet ta' debitu ta' kull xorta, sew jekk assikurati b'ipoteka sew jekk le u sew jekk ikollhom dritt li jipparteċipaw fil-profitti tad-debitur sew jekk ma jkollhomx, u b'mod partikolari, *income* minn titoli tal-Gvern u *income* minn *bonds* jew *debentures*, inklużi *premiums* u premjijiet relatati ma' dawk it-titoli, *bonds* jew *debentures*. Madankollu, il-frażi "mgħax" m'għandhiex tinkludi *income* msemmi fl-Artikolu 10. Ħlasijiet ta' penali għal ħlas tardiv ma jitqiesux bħala mgħax għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tal-imgħax, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqala' l-imgħax permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk u l-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas l-imgħax tkun effettivament konnessa ma' dak l-istabbiliment permanenti. F'każ bħal dak għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7.

4. Meta, minħabba f'relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejn it-tnejn li huma u xi persuna oħra, l-ammont tal-imgħax, wara li titqies xi tkun il-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'każ bħal dak, il-parti żejda tal-ħlasijiet tibqa' taxxabbli kif hemm fil-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

B 510

Artikolu 12

Royalties

1. *Royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u li s-sid benefiċjarju tagħhom ikun residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati biss f'dak Istat l-ieħor.

2. Il-fraži "*royalties*" kif tintuża f'dan l-Artikolu tfisser ħlasijiet ta' kull xorta li jsiru b'korrispettiv għall-użu, jew għall-jedd tal-użu, ta' kull dritt tal-awtur ta' xogħol letterarju, artistiku jew xjentifiku inklużi *films* ċinematografiċi, kull privattiva, *trade mark*, disinn jew mudell, pjan, formula jew proċess sigrieti, jew għal informazzjoni dwar konoxxenza industrijali, kummerċjali jew xjentifika.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor fejn jinqalgħu r-*royalties* permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallsu r-*royalties* ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti. F'dak il-każ għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7.

4. Meta, minħabba fir-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejnithom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont tar-*royalties*, wara li jitqies l-użu, id-dritt jew l-informazzjoni li jitħallsu għalihom, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu japplikaw biss għall-aħħar imsemmi ammont. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli kif hemm fil-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 13

Qligħ minn proprjetà

1. Qligħ li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' proprjetà immobbli imsemmi fl-Artikolu 6 u li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli li tagħmel parti mill-proprjetà tan-negozju ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor, inkluż dak il-qligħ mit-trasferiment ta' dak l-istabbiliment permanenti (waħdu jew flimkien mal-impriża kollha), jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

3. Qligħ li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jkunu qegħdin jitħaddmu fi traffiku internazzjonali minn impriża ta' Stat Kontraenti, jew minn proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għat-tħaddim ta' dawk il-bastimenti jew inġenji tal-ajru, għandu jiġi

intaxxat biss f'dak l-Istat.

4. Qligħ li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' ishma li jkollhom aktar minn 50 fil-mija tal-valur tagħhom li jkun ġej direttament jew indirettament minn proprjetà immobbli li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi ntaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

5. Qligħ li jinkiseb mit-trasferiment ta' proprjetà, li ma tkunx dik imsemmija fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4, għandu jiġi intaxxat biss fl-Istat Kontraenti li min jittrasferixxi jkun residenti fih.

Artikolu 14

Income minn impjieg

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15, 17 u 18, is-salarji, il-pagi u kull kumpens ieħor bħal dak li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar xi impjieg għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impjieg ma jiġix eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impjieg jiġi hekk eżerċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-kumpens li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar xi impjieg li jkun eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jiġi intaxxat biss fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk:

a) min jirċevih ikun joqgħod fl-Istat l-ieħor għal perjodu jew perjodi li b'kollox ma jgħoddux aktar minn 183 ġurnata f'xi perjodu ta' tnax il-xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena ta' taxxa involuta; u

b) il-kumpens jitħallas minn, jew f'isem, prinċipal li ma jkunx residenti fl-Istat l-ieħor; u

ċ) il-kumpens ma jkunx ta' piż fuq l-istabbiliment permanenti li l-prinċipal ikollu fl-Istat l-ieħor.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artikolu, il-kumpens li jinkiseb dwar impjieg eżerċitat abbord xi bastiment jew inġenji tal-ajru mħaddma fi traffiku internazzjonali minn impriża ta' Stat Kontraenti jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat.

Artikolu 15

Drittijiet tad-diretturi

Id-drittijiet tad-diretturi u ħlasijiet simili oħra li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti fil-kapaċità tiegħu bħala membru tal-bord ta' diretturi (jew bord li jkun mwaqqaf għal għan simili) ta' kumpannija jew *trust* li tkun residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

Artikolu 16

Artisti u sportivi

1. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7 u 14, *income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti bħala persuna li jagħti spettaklu, bħala artisti tat-teatru, tal-*films* ċinematografiċi, tar-radju jew tat-televiżjoni, jew bħala mużiċist, jew bħala sportiv, mill-attivitajiet personali tiegħu bħala tali li jiġu eżerċitati fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Meta *income* dwar attivitajiet personali eżerċitati minn persuna li tagħti spettaklu jew minn sportiv fil-kapaċità tiegħu bħala tali ma jingabarx favur il-persuna li tagħti spettaklu jew l-isportiv innifsu iżda favur xi persuna oħra, dak l-*income* jista', minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7 u 14, jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn jiġu eżerċitati l-attivitajiet tal-persuna li tagħti spettaklu jew tal-isportiv.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal *income* li jinkiseb minn attivitajiet eżerċitati fi Stat Kontraenti minn persuna li tagħti spettaklu jew minn sportiv jekk iż-żjara f'dak l-Istat tkun megħjuna għalkollox jew prinċipalment minn fondi pubbliċi ta' xi wieħed mill-Istati Kontraenti jew tat-tnejn li huma jew tas-sottodiviżjonijiet politiċi jew awtoritajiet lokali jew korpi statutorji tagħhom. F'dak il-każ, l-*income* ikun jista' jiġi intaxxat biss fl-Istat Kontraenti fejn l-artist jew l-isportiv ikun residenti.

Artikolu 17

Pensjonijiet

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 18, il-pensjonijiet u kumpens ieħor bħalhom (inkluż pagamenti ta' somma f'daqqa) imħallsa lil residenti ta' Stat Kontraenti minħabba f'xi impjieg jew impjieg indipendenti imgħoddi għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

Artikolu 18

Servizz tal-Gvern

1. a) Salarji, pagi u kull rimunerazzjoni oħra bħal dawk mħallsa minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu (inkluż kull enti legali jew awtorità mwaqqfa taħt il-liġi pubblika ta' dak l-Istat) lil individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtijin lil dak l-Istat jew sottodiviżjoni jew awtorità (inkluż kull enti legali jew awtorità mwaqqfa taħt il-liġi pubblika ta' dak l-Istat) għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

b) Madankollu, dawk is-salarji, pagi u rimunerazzjoni oħra bħal dawk għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor jekk is-servizzi jingħataw f'dak l-Istat u l-individwu jkun residenti f'dak l-Istat u:

(i) jkun ċittadin ta' dak l-Istat; jew

(ii) ma jkunx sar residenti ta' dak l-Istat unikament sabiex jagħti dawk is-servizzi.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, pensjonijiet u rimunerazzjoni bħal dawk (inkluż pagamenti ta' somma f'daqqa) imħallsa minn, jew li toħroġ minn fond maħluq minn Stat Kontraenti jew sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu (inkluż kull enti legali jew awtorità mwaqqfa taħt il-liġi pubblika ta' dak l-Istat) lil xi individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtija lil dak l-Istat jew sottodiviżjoni jew awtorità (inkluż kull enti legali jew awtorità mwaqqfa taħt il-liġi pubblika ta' dak l-Istat) għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 14, 15, 16 u 17 għandhom japplikaw għal salarji, pagi, pensjonijiet u rimunerazzjoni bħal dik (inkluż pagamenti ta' somma f'daqqa) għar-rigward ta' servizzi mogħtijin f'konnessjoni ma' kummerċ immexxi minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu (inkluż kull enti legali jew awtorità mwaqqfa taħt il-liġi pubblika ta' dak l-Istat).

Artikolu 19

Studenti

Il-ħlasijiet li student jew apprendist kummerċjali li jkun jew kien minnufih qabel ma jżur Stat Kontraenti residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor u li jkun joqgħod fl-Istat l-ewwel imsemmi unikament għall-finijiet tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ tiegħu jirċievi għall-finijiet tal-manteniment, l-edukazzjoni jew it-taħriġ tiegħu m'għandhomx jiġu intaxxati f'dak l-Istat, sakemm dawk il-ħlasijiet ikunu ġejjin minn għejjun minn barra dak l-Istat.

Artikolu 20

Income ieħor

1. Elementi ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti, jinqalgħu minn fejn jinqalgħu, li ma jkunux ittrattati fl-Artikoli ta' hawn aktar qabel ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għal *income*, ħlief għal *income* minn proprjetà immobbli kif imfissra fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 6, jekk min jirċievi dak l-*income*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun imexxi kummerċ fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat fih u d-dritt jew proprjetà li dwarhom ikun qed jitħallas l-*income* ikun effettivament konness ma' dak l-istabbiliment permanenti. F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 għandhom japplikaw.

Artikolu 21

Kapital

1. Dak il-kapital li jkun jikkonsisti fi proprjetà immobbli msemmija fl-Artikolu 6, li tkun proprjetà ta' residenti ta' Stat Kontraenti u li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Dak il-kapital li jkun jikkonsisti fi proprjetà mobbli u li tkun tagħmel sehem mill-proprjetà kummerċjali ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

3. Dak il-kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti li jkun jikkonsisti f'bastimenti jew inġenji tal-ajru fi traffiku internazzjonali u fi proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għat-tħaddim ta' dawk il-bastimenti jew inġenji tal-ajru, jista' jiġi intaxxat biss f'dak l-Istat.

4. Dawk l-elementi oħra kollha ta' kapital ta' residenti ta' Stat Kontraenti għandhom ikunu intaxxati biss f'dak l-Istat.

Artikolu 22

Eliminazzjoni ta' taxxa doppja

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet ta' Liechtenstein rigward l-eliminazzjoni ta' taxxa doppja, li ma għandux jaffettwa dan il-prinċipju ġenerali, it-taxxa doppja għandha tiġi eliminata kif ġej:

a) Meta residenti ta' Liechtenstein jikseb *income* jew ikun sid ta' kapital li, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, jista' jiġi intaxxat f'Malta, Liechtenstein għandu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subparagrafi b) u ċ), jeżenta dak l-*income* jew dak il-kapital mit-taxxa, iżda madankollu jista', fil-kalkolu tal-ammont ta' taxxa fuq l-*income* jew il-kapital ieħor ta' dak ir-residenti, iqis l-*income* jew il-kapital li jkun ġie eżentat.

b) Meta residenti ta' Liechtenstein jikseb *income* li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 14, 15, 16 u 17, jista' jiġi intaxxat f'Malta, Liechtenstein għandu jagħti bħala kreditu kontra it-taxxa ta' Liechtenstein fuq dak l-*income* it-taxxa mħallsa skont il-liġi ta' Malta u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. L-ammont ta' taxxa li għandha tiġi kreditata m'għandhiex, madankollu, tkun aktar mit-taxxa ta' Liechtenstein dovuta fuq l-*income* li jinkiseb minn Malta.

ċ) *Income* minn dividendi skont it-tifsira tal-Artikolu 10 mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Malta lil kumpannija li tkun residenti ta' Liechtenstein u li ma jkunux jistgħu jitnaqqsu sabiex jiġu stabbiliti l-profitti ta' min iħallas, m'għandux jkun intaxxat f'Liechtenstein.

2. Fil-każ ta' Malta, it-taxxa doppja għandha tiġi evitata kif ġej:

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' Malta dwar *allowance* ta' kreditu fir-rigward tat-taxxa ta' Malta dwar taxxa barranija, meta, kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ikun hemm inkluż fi stima ta' Malta *income* minn għejjun ġewwa Liechtenstein, it-taxxa ta' Liechtenstein fuq dak l-*income* għandha tingħata bħala kreditu fir-rigward tat-taxxa ta' Malta relattiva li titħallas fuqu.

Artikolu 23

Ebda diskriminazzjoni

1. Iċ-ċittadini ta' Stat Kontraenti m'għandhom jiġu assoġġettati fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal ebda taxxa jew ebda ħtieġa li jkollha x'taqsam ma' dan, li tkun diversa jew ta' iktar piż mit-taxxa u ħtiġiet li jkollhom x'jaqsmu li dwarhom ċittadini ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi, b'mod partikolari għar-rigward ta' residenza, huma jew jistgħu jkunu assoġġettati. Din id-dispożizzjoni għandha, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1, tkun tapplika wkoll għal persuni li ma jkunux residenti ta' xi Stat Kontraenti wieħed jew tat-tnejn li huma.

2. Persuni mingħajr Stat li jkunu residenti ta' Stat Kontraenti m'għandhom jiġu assoġġettati f'xi Stat Kontraenti għal ebda taxxa jew ebda ħtieġa li jkollha x'taqsam ma' dan, li tkun diversa jew ta' iktar piż mit-taxxa u ħtiġiet li jkollhom x'jaqsmu li dwarhom ċittadini ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi, b'mod partikolari għar-rigward ta' residenza, huma jew jistgħu jkunu assoġġettati.

3. L-intaxxar fuq stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor m'għandux jinġabar inqas favorevolment f'dak Istat l-ieħor mit-taxxa miġbura fuq impriżi ta' dak l-Istat l-ieħor li jkun qiegħed iwettaq l-istess ativitajiet. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tiftiehem bħala li tobbliga lil Stat Kontraenti li jikkonċedi lil residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor *allowances* personali, ħelsien u tnaqqis għall-għanijiet ta' taxxa minħabba fl-istatus ċivili jew responsabbiltajiet familjari li dan jikkonċedi lir-residenti tiegħu.

4. Ħlief meta japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 9, il-paragrafu 4 tal-Artikolu 11, jew il-paragrafu 4 tal-Artikolu 12, mgħax, *royalties* u ħlasijiet oħra li jitħallsu minn impriża ta' Stat Kontraenti lil residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom, għall-fini li jiġu stabbiliti x'inhuma l-profitti taxxabbli ta' dik l-impriża, jiġu mnaqqsa taħt l-istess kondizzjonijiet bħallikieku dawn kienu mħallsa lil residenti tal-Istat l-ewwel imsemmi. Bl-istess mod, id-debiti kollha ta' impriża ta' Stat Kontraenti lil residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom, bil-għan li jiġi stabbilit il-kapital taxxabbli ta' dik l-impriża, jitnaqqsu taħt l-istess kundizzjonijiet bħallikieku dawn kienu ġew ikkuntrattati lil residenti tal-ewwel imsemmi Stat.

4. Impriżi ta' Stat Kontraenti, li l-kapital tagħhom ikun għalkollox jew

f'parti minnu proprjetà jew taħt il-kontroll, sew dirett sew mhux dirett, ta' residenti wieħed jew iktar tal-Istat Kontraenti l-ieħor, m'għandhom ikunu assoġġettati fl-Istat l-ewwel imsemmi għal ebda taxxa jew ebda ħtieġa konnessa ma' dan li tkun xort'oħra jew ta' iktar piż mit-taxxa u l-ħtiġiet konnessi li għalihom ikunu jew jistgħu jkunu assoġġettati impriżi oħra simili tal-Istat l-ewwel imsemmi.

5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2, japplikaw għat-taxxi ta' kull xorta u deskrizzjoni.

Artikolu 24

Proċedura ta' ftehim reċiproku

1. Meta persuna jidhrilha li l-azzjonijiet ta' xi wieħed jew taż-żewġ Stati Kontraenti jirriżultawlu jew jistgħu jirriżultawlu f'intaxxar li ma jkunx kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, hi tista', irrispettivament mir-rimedji provduti mil-liġi domestika ta' dawk l-Istati, tippreżenta l-każ tagħha quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat Kontraenti fejn hi tkun residenti jew, jekk il-każ tagħha jkun jaqa' taħt il-paragrafu 1 tal-Artikolu 23, quddiem dik tal-Istat Kontraenti li hi tkun ċittadin tiegħu. Il-każ għandu jiġi ppreżentat fi żmien tliet snin minn l-ewwel avviż tal-azzjoni li tirriżulta f'intaxxar li ma jkunx kif hemm fid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

2. L-awtorità kompetenti għandha tipprova, jekk l-oġġezzjoni tkun tidhrilha li hi waħda ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni sodisfaċenti, tirrisolvi l-każ bi ftehim reċiproku mal-awtorità kompetenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor, bil-għan li jiġi evitat intaxxar li ma jkunx kif hemm fil-Ftehim. Kul ftehim li jintlaħaq għandu jkun implimentat minkejja kull terminu ta' żmien fil-liġi domestika tal-Istati Kontraenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom permezz ta' ftehim reċiproku jippruvaw jirrisolvu kull diffikultà jew dubbju li jista' jirriżulta dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim. Dawn jistgħu wkoll jikkonsultaw flimkien dwar l-eliminazzjoni ta' taxxa doppja f'dawk il-każijiet li m'hemm xejn provdut dwarhom fil-Ftehim.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti jistgħu jikkomunikaw direttament ma' xulxin, ukoll permezz ta' kummissjoni konġunta li tkun tikkonsisti fihom infushom jew f'rappreżentanti tagħhom, bl-iskop li jilħqu ftehim fis-sens tal-paragrafi preċedenti.

5. Meta

a) taħt il-paragrafu 1, persuna tkun ippreżentat każ quddiem l-awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti fuq il-bażi li l-azzjonijiet ta' wieħed mill-Istati Kontraenti jew tat-tnejn li huma jkunu irriżulataw f'intaxxar fuq

dik il-persuna li ma jkunx skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim; u

b) l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim biex jirrisolvu l-każ skont il-paragrafu 2 fi żmien sentejn mill-preżentazzjoni tal-każ quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor;

kwistjonijiet mhux solvuti li jqumu dwar il-każ għandhom jiġu sottomessi għall-arbitraġġ jekk il-persuna titlob dan. Dawn il-kwistjonijiet mhux solvuti m'għandhomx, iżda, jiġu sottomessi għall-arbitraġġ kemm il-darba deċiżjoni fuq dawn il-kwistjonijiet tkun digà ingħatat minn qorti jew tribunal amministrattiv ta' xi wieħed mill-Istati. Sakemm persuna li tkun affettwata direttament mill-każ ma taċċettax il-ftehim reċiproku li jimplimenta d-deċiżjoni tatl-arbitraġġ, dik id-deċiżjoni għandha torbot liż-żewġ Stati Kontraenti u għandha tkun implimentata minkejja kull terminu ta' żmien fil-liġijiet domestiċi ta' dawk l-Istati. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom bi ftehim reċiproku jaqblu fuq il-mod kif għandu jkun applikat dan il-paragrafu.

Artikolu 25

Skambju ta' informazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni li tista' tidher li tkun meħtieġa għat-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew l-amministrazzjoni jew l-infurzar tal-liġijiet domestiċi li jirrigwardaw taxxi ta' kull xorta u deskrizzjoni imposti f'isem l-Istati Kontraenti, jew is-sottodiviżjonijiet jew awtoritajiet lokali tagħhom, sakemm l-intaxxar li jsir taħthom ma jkunx kuntrarju għall-Ftehim. L-iskambju ta' informazzjoni m'huwiex ristrett bl-Artikolu 1.

2. Kull informazzjoni li tiġi riċevuta taħt il-paragrafu 1 minn Stat Kontraenti għandha tiġi trattata bħala waħda sigrieta bl-istess mod bħall-informazzjoni miksuba taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat u għandha tiġi żvelata biss lil persuni jew lil awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) li jkollhom x'jaqsmu mal-istima jew mal-ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, id-deċizjoni ta' appelli dwar it-taxxi msemmija fil-paragrafu 1. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk l-għanijiet. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuħ jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji.

3. F'ebda każ m'għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

a) li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet u mal-prattika amministrattiva ta' dak l-Istat Kontraenti jew tal-Istat Kontraenti l-ieħor;

b) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet

jew fil-kors normali tal-amministrazzjoni ta' dak l-Istat Kontraenti jew tal-Istat Kontraenti l-ieħor;

ċ) li jagħti informazzjoni li tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew proċess ta' kummerċ, jew informazzjoni li meta tiġi żvelata din tkun tmur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

4. Jekk tintalab informazzjoni minn Stat Kontraenti li tkun kif hawn f'dan l-Artikolu, l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu juża l-mezzi ta' ġbir ta' informazzjoni li jkollu biex jikseb l-informazzjoni mitluba, ukoll jekk dak l-Istat l-ieħor jista' ma jkunx jeħtieġ dik l-informazzjoni għall-finijiet tiegħu tat-taxxa. L-obbligu msemmi fis-sentenza ta' qabel hu soġġett għal-limitazzjonijiet tal-paragrafu 3 iżda f'ebda każ m'għandhom dawk il-limitazzjonijiet jiftiehmu li jippermettu lil Stat Kontraenti li jirrifjuta li jipprovdi xi informazzjoni unikament għax ma jkollu ebda interess domestiku f'dik l-informazzjoni.

5. F'ebda każ m'għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 jiftiehmu li jippermettu lil Stat Kontraenti li jirrifjuta li jipprovdi xi informazzjoni unikament għax dik l-informazzjoni tkun qegħda tinżamm minn xi bank, istituzzjoni finanzjarja, *nominee* jew persuna oħra li taġixxi f'kapaċità ta' aġenzija jew fiduċjarja jew għax ikollha x'taqsam ma' interessi fi proprjetà f'xi persuna.

Artikolu 26

Membri ta' missjonijiet diplomatiċi u karigi konsulari

Ebda haga f'dan il-Ftehim m'għandha tolqot il-privileġġi fiskali tal-membri ta' missjonijiet diplomatiċi jew ta' kariġi konsulari taħt ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jew taħt id-dispożizzjonijiet ta' kull ftehim speċjali.

Artikolu 27

Protokoll

Il-Protokoll mehmuż għandu jkun parti integrali ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 28

Bidu fis-seħħ

1. L-Istati Kontraenti għandhom javżaw lil xulxin bil-miktub, permezz tal-kanali diplomatiċi, li l-proċeduri meħtieġa mill-liġijiet tagħhom biex dan il-Ftehim jinġieb fis-seħħ ikunu saru. Dan il-Ftehim għandu jidhol fis-seħħ fid-data meta jkun ġie riċevut l-aħħar minn dawk l-avviżi.

2. Il-Ftehim għandu jkollu effett:

a) għar-rigward ta' taxxi li jinżammu minn ras il-għajn, għal *income* li jinkiseb fi jew wara l-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja li tkun taħbat minnufih wara s-sena li fiha jibda jseħħ l-Ftehim;

b) għar-rigward ta' taxxi oħra fuq l-*income* u taxxi fuq il-kapital, għal taxxi dovuti għal xi sena ta' taxxa (xi sena kalendarja jew perjodu ta' kontabilità, skont kif ikun il-każ) li tibda fi jew wara l-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja li tkun taħbat minnufih wara s-sena li fiha jibda jseħħ il-Ftehim.

Artikolu 29

Terminazzjoni

Dan il-Ftehim għandu jibqa' jseħħ sakemm jiġi terminat minn Stat Kontraenti. Kull wieħed mill-Istati Kontraenti jista' itemm il-Ftehim, permezz ta' kanali diplomatiċi, billi jagħti avviż tat-terminazzjoni mill-inqas sitt xhur qabel it-tmiem ta' xi sena kalendarja li tibda wara li jintemm perjodu ta' ħames snin mid-data li fiha jibda jseħħ il-Ftehim. F'dak il-każ, il-Ftehim m'għandux jibqa' fis-seħħ:

a) għar-rigward ta' taxxi li jinżammu minn ras il-għajn, għal *income* li jinkiseb fi jew wara l-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja li tkun taħbat minnufih wara s-sena li fiha jingħata l-avviż;

b) għar-rigward ta' taxxi oħra fuq l-*income* u taxxi fuq il-kapital, għal taxxi dovuti għal xi sena ta' taxxa (xi sena kalendarja jew perjodu ta' kontabilità), skont kif ikun il-każ, li tibda fi jew wara l-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja li tkun taħbat minnufih wara s-sena li fiha jingħata l-avviż.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul in duplikat fi New York, fis-27 ta' Settembru 2013, fl-ilsien Ingliż u fl-ilsien Ġermaniż, kull wieħed miż-żewġ testi awtentiċi ndaqs. Fil-każ ta' diverġenża bejn it-testi, it-test Ingliż għandu jkun dak li japplika.

George W. Vella Għall-Gvern tar- Repubblika ta' Malta	Aurelia Frick Għall-Gvern tal- Prinċipalità ta' Liechtenstein

B 520

PROTOKOLL

Filwaqt tal-iffirmar illum tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Gvern tal-Prinċipalità ta' Liechtenstein għall-evitar ta' taxxa doppja u l-prevenzjoni ta' evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income* u l-kapital, is-sottoskritti ftehmu li d-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom jiffurmaw parti integrali ta' dan il-Ftehim.

1. B'riferenza għall-Artikolu 3 paragrafu 1 subparagrafu 4 (Persuna):

Hu mifhum li għall-għanijiet tal-Ftehim *dormant inheritance* ta' Liechtenstein hu l-ġid ta' persuna mejta matul il-perjodu bejn id-data tal-mewt u t-trasferiment tal-proprjetà lis-suċċessur(i) kif ikun taxxabbli taħt l-Artikolu 7 paragrafu 3 tal-*Liechtenstein Tax Act*.

2. B'riferenza għall-Artikolu 3 paragrafu 1 subparagrafu e (Kumpannija):

Hu mifhum li għall-għanijiet tal-Ftehim it-tifsira ta' kumpannija tinkludi *trusts* irreġistrati jew kull *special dedication asset* ieħor li jkun ittrattat bħala korp magħqud għall-għanijiet tat-taxxa ta' Liechtenstein.

3. B'riferenza għall-Artikolu 4 (Residenti):

Hu mifhum li għall-għanijiet tal-Ftehim persuna tkun residenti ta' Stat Kontraenti jekk taħt il-liġi domestika ta' dak l-Istat Kontraenti hi tkun soġġetta għat-taxxa hemmhekk minħabba fid-domiċilju tagħha, residenza, post tal-maniġġ jew kull kriterju ieħor ta' xorta bħal dawk. Persuna tkun ikkunsidrata ukoll li tkun soġġetta għat-taxxa jekk tkun soġġetta għall-liġijiet tat-taxxa ta' dak l-Istat Kontraenti iżda tkun eżenti mit-taxxa biss jekk tissodisfa l-ħtiġiet kollha għall-eżenzjoni speċifikati fil-liġijiet tat-taxxa ta' dak l-Istat Kontraenti.

Hu mifhum li għall-għanijiet tal-paragrafu 3 fil-każ ta' *trust*, jekk *trustee* ikun residenti ta' Stat Kontraenti u l-ebda wieħed mit-*trustees* ma jkun residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor, it-*trust* ikun ikkunsidrat bħala residenti tal-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi. Kemm-il darba *trustees* ikunu residenti taż-żewġ Stati Kontraenti allura t-*trust* ikun ikkunsidrat li jkun residenti tal-Istat Kontraenti fejn id-deċiżjonijiet rigward l-amministrazzjoni tat-*trust* jiġu meħuda. F'każ li tali deċiżjonijiet jiġu meħuda fiż-żewġ Stati Kontraenti jew fl-ebda wieħed minnhom allura l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom jaqblu dwar ir-residenza tat-*trust* bi ftehim reċiproku.

4. B'riferenza għall-Artikolu 25 (Skambju ta' Informazzjoni):

Hu mifhum li għall-għanijiet tal-Ftehim li

a) dan l-Artikolu jobbliga biss lill-Istati Kontraenti li jiskambjaw informazzjoni fuq talba u biss fir-rigward ta' perjodi ta' taxxa li jibdew fl-1 ta' Jannar jew wara tas-sena kalendarja li taħbat minnufih wara s-sena li fiha

dan il-Ftehim jibda fis-seħħ;

b) l-informazzjoni skambjata

(i) ma tistax tiġi użata għal xi għan ħlief għall-għanijiet msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 25 mingħajr ma l-awtorità kompetenti tal-Istat Kontraenti li ntalab ma jesprimi l-kunsens tiegħu bil-miktub; u

(ii) m'għandhiex tiġi żvelata lil xi Stat ieħor jew territorju sovran li ma jkunx parti ta' dan il-Ftehim;

ċ) *data* personali tista' tiġi trasmessa sakemm hu neċessarju għall-iskambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 25 u soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Istat Kontraenti li jibgħat l-informazzjoni;

d) kull talba għall-informazzjoni għandha fil-każijiet kollha tispeċifika bil-miktub:

(i) l-identità tal-persuna li tkun qegħda tiġi eżaminata jew investigata, madankollu, ma huwiex neċessarju li tipprovdi l-isem tat-*taxpayer* sabiex tiddefinixxi l-identità tiegħu, kemm il-darba din l-identità tista' tasal għaliha minn elementi ekwivalenti;

(ii) il-perjodu ta' taxxa li dwarha hija mitluba l-informazzjoni;

(iii) dikjarazzjoni tal-informazzjoni mitluba inklużi x-xorta tagħha u l-forma kif l-Istat Kontraenti applikanti jkun jixtieq jirċievi l-informazzjoni mingħand l-Istat Kontraenti mitlub;

(iv) il-materja taħt il-liġi tat-taxxa tal-Istat Kontraenti applikanti li dwarha tkun qegħda tintalab l-informazzjoni;

(v) ir-raġunijiet għaliex jinħaseb li l-informazzjoni mitluba tkun prevedibbilment rilevanti għall-amministrazzjoni u l-infurzar tat-taxxa tal-liġijiet tat-taxxa domestiċi tal-Istat Kontraenti applikanti fir-rigward tal-persuna speċifikata fis-subparagrafu (i);

(vi) ir-raġunijiet għaliex jinħaseb li l-informazzjoni mitluba qegħda tinżamm għand l-Istat Kontraenti mitlub jew tkun fil-pussess jew il-kontroll ta' persuna fil-ġurisdizzjoni tal-Istati mitlub;

(vii) sakemm dawn ikunu magħrufin, l-isem u l-indirizz ta' kull persuna maħsuba li jkollha pussess tal-informazzjoni mitluba;

(viii) dikjarazzjoni li t-talba tkun konformi mal-liġi u mal-prattiċi amministrattivi tal-Istat Kontraenti applikanti, li jekk l-informazzjoni mitluba kienet tinkwadra fil-ġurisdizzjoni tal-Istat

applikanti allura l-awtorità kompetenti tal-Istat applikanti kienet tkun tista' tikseb l-informazzjoni taħt il-liġijiet jew fil-kors normali tal-prattika amministrattiva tal-Istat applikanti u li tkun konformi ma' dan il-Ftehim;

(ix) dikjarazzjoni li l-Istat Kontraenti applikanti jkun segwa kull mezz disponibbli fit-territorju tiegħu nnifisha biex jikseb l-informazzjoni, ħlief dik li tkun tagħti lok għal diffikultajiet sproporzjonati;

e) għall-għanijiet tal-paragrafu d:

(i) il-frazi "Stat Kontraenti applikanti" tfisser l-Istat Kontraenti li jitlob l-informazzjoni;

(ii) il-fraži "Stat Kontraenti mitlub" tfisser l-Istat Kontraenti li jiġi mitlub li jippovdi l-informazzjoni.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul in duplikat fi New York, fis-27 ta' Settembru 2013, fl-ilsien Ingliż u fl-ilsien Ġermaniż, kull wieħed miż-żewġ testi awtentiċi ndaqs. Fil-każ ta' diverġenża bejn it-testi, it-test Ingliż għandu jkun dak li japplika.

George W. Vella Għall-Gvern tar- Repubblika ta' Malta	Aurelia Frick Għall-Gvern tal- Prinċipalità ta' Liechtenstein